MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 364/2011

**Paul Muscat, Kristian John Muscat u Trevor Muscat**

**vs**

**Engelbert Dimech u Sylvia Dimech**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-26 ta’ Ottubru 2011 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallasuhom s-somma ta’ hamest elef u hames mitt Ewro, erbghatax-il centezmu (€5,500) rapprezentanti l-prezz ta’ materjal ta’ kostruzzjoni debitament mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti intimati.

Bl-ispejjez, inkluz ta’ l-ittra ufficjali datata 9 ta’ Awissu 2011 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smiegh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lill-konvenuti fis-17 ta’ Novembru 2011.

Illi fis-seduta tal-28 ta’ Ottubru, 2011, deheru l-partijiet u giet ipprezentata kapitolu fil-konfront tal-konvenuti (fol 6).

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Jannar 2012 ir-rikorrenti ipprezentaw nota illi biha cedew it-talba taghhom ghal dak li kellu x’jaqsam mas-sorte tal-kaz, filwaqt illi zammew ferm id-drittijiet taghhom kontra l-konvenuti ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez u l-imghax.

Rat illi fl-istess seduta tas-27 ta’ Jannar 2012, il-konvenut gew imsejjha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici tghid li, filwaqt li d-debitu gie saldat, huma qed jinsistu ghall-hlas ta’l-ispejjez u imghax kif mitlub, issib li t-talba ta’l-istess rikorrenti tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lil-atturi l-ispejjez, inkluz ta’l-ittra ufficjali datata 9 ta’ Awissu 2011 u l-imghax sad-data tal-pagament effettiv, u dan ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut w bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------